Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C/2024/3716

21.6.2024

MT Is-serje C

Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-introduzzjoni fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)

(Ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([1]))

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/3716)

Deċiżjoni li tagħti awtorizzazzjoni

Referenza tad-deċiżjoni ([1])	Data tad-deċiżjoni	Isem is-sustanza	Detentur tal-awtorizzazzjoni	Numru tal-awtorizzazzjoni	Użu awtorizzat	Data tal-iskadenza tal-perjodu tar-rieżami	Raġunijiet għad-deċiżjoni
C(2024) 3874	14 ta' Ġunju 2024	triossidu tal-kromu (Nru tal-KE 215–607–8; Nru tal-CAS 1333–82–0)	SPGPrints B.V., Raamstraat 1–3, 5831 AT Boxmeer, In-Netherlands	REACH/24/21/0	Fi proċess integrat biex tinħoloq superfiċe iebsa bi proprjetajiet selettivi ta' adeżjoni fuq mandrini tat-torn użati biex jiġu manifatturati skrins għall-Istampar bi Skrin Rotatorju għat-tessuti u għal applikazzjonijiet oħra tal-istampar	31 ta' Diċembru 2031	F'konformità mal-Artikolu 60(4) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-benefiċċji soċjoekonomiċi jkunu akbar mir-riskju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent mill-użu tas-sustanza u ma hemm l-ebda sustanza jew teknoloġija alternattiva adattata.

([1]) Id-Deċiżjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: Awtorizzazzjoni (europa.eu).

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.